**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 199/15 AL

**[1] A B I.D. f'isimha kif ukoll fil-kapacita' taghha bhala kuratrici ta' bintha R B nominata b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' April 2016 u**
**[2] V R**

**vs**

**[1] C B u b'digriet tal-5 ta' April 2016 l-isem C gie sostitwit bl-isem C**
**[2] Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ppremettiet :

Illi l-attrici A B hija mizzewga lill-intimat C B u ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2011 u ghad hemm proceduri ta'

separazzjoni pendenti quddiem din il-Qorti rikors numru 53/12/AL fl-ismijiet A B vs C B.

Illi fil-mori tal-proceduri ta’ separazzjoni imsemmija l-attrici A B bdiet relazzjoni intima mal-attur V R.

Illi minn din ir-relazzjoni intima bejn l-atturi, fit-23 ta’ Mejju 2014 twieldet tifla bl-isem ta’ R, izda billi fid-data imsemmija l-attirici kienet ghada mizzewga, l-intimat C B bil-fors illi kellu jigi registrat bhala l-missier, kopja tac-certifikat tat-twelid qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. JB1.

Illi ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-missier naturali tal-minuri R huwa l-attur V R, u dana kif jirrizulta b’aktar mod car u inekwivoku mic-certiifkat tad- *“DNA Paternity Test”,* li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. RG2.

Illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri R B jghajjat l-isem tal-intimat bhala l-missier tal-minuri meta il-missier naturali tieghu huwa effettivament ragel iehor, u cjoe l-attur V R.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-intimat mhux il-missier naturali tal-minuri R B u dana ai termini tal-artikolu 77A u 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna illi l-isem tal-intimat bhala missier il-minuri R ghandu jigi kkancellat mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri u minflok jitnizzel li il-paternita’ tal-imsemmi tifla huwa tal-attur V R.

Bl-ispejjes jibqaw bla taxxa bejn il-partijiet, u I-konvenut C B ghandu jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 23)

Illi bl-ebda mod ma jopponi ghat-talbiet attrici ghaliex il-minuri R hija l-wild mir-relazzjoni ta' A B ma' V R u dan gie ppruvat mill-affidavits tal-attur u mid-DNA Paternity Tests.

Illi bl-ebda mod m'ghandu jehel spejjez legali ghaliex kienet l-attrici A B li abbandunat lil familja li kellha ma' C B u marret tghix hajja adultera mal-attur V R.

Illi dan jirrizulta wkoll mill-atti tal-kawza numru 53/12(AL) fl-ismijiet "A B vs Salvatore B" differita ghat-12 ta' Novembru 2015.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C B;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 27)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;
2. Illi in linea preliminari ukoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa, li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi ad litem tal-minuri R B skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;
3. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li l-intimat C B għandu jidher bħala *'C B'* u mhux *'C B'* stante li l-isem '*C*' ma jappartjenix lilhu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid ta' R B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, seba' mija, erbgħa u għoxrin (2724) tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';
4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti A B u V R jridu jipprovaw li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-

twelid tal-minuri R B, ir-rikorrenti kellhom relazzjoni extramaritali bejniethom, u barra minn hekk jipprovaw xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lil intimat C B, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi fl-istess waqt mingħajr ħsara għas-suespost, ir-rikorrenti A B trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri R B, ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, seba' mija, erbgħa u għoxrin (2724) tas-sena elfejn u erbatax (2014);
6. Illi mingħajr preġudizzju l-esponent jeċċepixxi li għalkemm ir-rikorrenti ippreżentaw r-rapport ta' testijiet ġenetiċi *ai termini* tal-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jindika li l-missier naturali tal-minuri **R B** huwa V R, dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekninku Dr. Marisa Cassar.
7. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrent V R, sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri R B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri R B, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri R B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit R B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, seba' mija, erbgħa u għoxrin (2724) tas-sena elfejn u erbatax (2014);
8. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri R B a tenur tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**
9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli

Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid ta' R B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, seba' mija, erbgħa u għoxrin (2724) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

10. Illi subordinatament u bla ħsara, rigward dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni dwar il-paternita' tal-minuri R B huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;
11. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Rat l-affidavits tal-atturi u ta' Dr. Marisa Cassar;

Permezz tal-affidavit tagħha[1], l-**attriċi A B** spjegat kif hija kellha l-problemi fiż-żwieġ tagħha mal-konvenut C B u għalhekk għall-ħabta tas-sena 2011 hija kienet telqet mid-dar matrimonjali. Xi żmien wara, hi bdiet tiffrekwenta lill-attur V magħruf bħala V R u bdew relazzjoni intima; F'Settembru 2013

[1] Fol. 20

indunat li kienet tqila u fit-23 ta' Mejju 2014[2] twieldet il-minuri R mertu tal-kawża odjerna; Peress li hija kienet għadha legalment miżżewġa lill-konvenut, anke jekk *de facto* separati, it-tarbija ġiet irreġistrata f'isem żewġha l-konvenut C B; Hija qatt ma kellha dubju li missier it-tarbija kien l-attur R u dana għaliex fiż-żmien tal-konċepiment tagħha hija kellha relazzjonijiet intimi miegħu biss;

Permezz tal-affidavit tiegħu[3], l-**attur V magħruf bħala V R** spjega kif fis-sena 2011 huwa beda relazzjoni intima mal-attriċi A B, wara li dina telqet mid-dar taż-żwieġ tagħha mal-konvenut B; Mir-relazzjoni tagħhom twieldet il-minuri R li ġiet irreġistrata bħala bint il-konvenut C B stante li l-konjuġi B kienu għadhom m'humiex separati legalment; Meta sar it-test tad-DNA, ġie kkonfermat illi huwa l-missier il-minuri R;

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn **Dr. Marisa Cassar** ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2016[4]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li hija ħadet il-kampjuni orali ta' A B (ID 447368M), ta' R B (D.O.B. 23/05/2014) u ta' V R (ID 484362M) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ta' DNA. Mit-testijiet li għamlet irriżulta illi V R (ID 484362M) hu l-missier naturali ta' R B (D.O.B. 23/05/2014).

Rat in-nota[5] tal-attriċi ippreżentata fit-28 ta' Novembru 2016 illi permezz tagħha hija tat id-dettalji tal-missier naturali, u ddikjarat illi l-kunjom li għandha tassumi l-minuri huwa "R";

Ikkunsidrat

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet minnu rtirata fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2016[6];

---

[2] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 4

[3] Fol. 20

[4] Fol. 53 et seq.

[5] Fol. 58

Illi it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata bid-digriet ta' din il-Qorti tal-5 t'April 2016[7], fejn il-Qorti kkonfermat in-nomina tal-attriċi bħala kuratriċi *ad litem* għall-minuri R B;

Illi it-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata bid-digriet tal-Qorti wkoll datat il-5 t'April 2016[8] fejn il-Qorti ordnat il-korrezzjoni mitluba f'isem il-konvenut B, biex minn C B jiġi jaqra C B;

Rat illi l-atturi fl-udjenza tal-lum stess talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16, ikunu jistgħu jipproċedu bil-kawża odjerna minkejja t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-minuri R;

Rat illi l-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi u awtorizzat l-intavolar u l-prosegwiment tal-kawża odjerna *ai termini* tal-Artikolu ċċitat;

Illi l-Qorti għandha quddiemha tliet azzjonijiet miġbura f'kawża waħda ossia l-azzjoni tal-omm f'isimha proprju ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili[9], l-azzjoni tal-missier naturali ai termini tal-Artikolu 77A u l-azzjoni tal-bint minuri, debitament rappreżentata minn ommha, ai termini tal-Artikoli 83 et. seq tal-istess Kodiċi.

<u>DWAR IL-PATERNITA` TAL-MINURI R B</u>

L-atturi jitolbu illi l-Qorti tiddikjara li l-konvenut C B, żewġ l-attriċi, m'huwiex il-missier naturali tal-minuri R B, iżda li l-attur V R jiġi dikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri R.

---

[6] Fol. 33

[7] Fol. 41A

[8] Fol. 47

[9] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

L-atturi jikkonfermaw bil-ġurament li R huwa missier il-minuri R, fil-waqt illi l-konvenut C B ma jinnegax dan, in vista tar-riżultanzi tat-testijiet ġenetiċi.

Illi fil-fatt, l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw il-probabilta 99.9999% li l-attur V R huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri R. Effettivament, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi *"Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi V R ID No. 484362M hu l-missier naturali ta' R B (DOB 23.05.2014)."* It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita' tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-minuri R hija l-wild naturali tar-rikorrent V R u mhux tal-intimat C B.

In vista ta' dawn il-provi xjentifiċi, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi;

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi R, ommha l-attriċi kkonfermat permezz ta' nota ppreżentata fl-atti[10] illi hija għandha tassumi l-kunjom R. Il-Qorti kkunsidrat li l-minuri għadha ta' eta` tenera u għadha ser tagħlaq tliet snin, u għalhekk mhux ser ikun ta' detriment għaliha li tibdel kunjomha fi stadju daqshekk bikri fil-ħajja. Illi għalhekk ma ssib ebda oġġezzjoni li l-minuri tassumi l-kunjom ta' missierha naturali R.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:-

[10] Fol. 58

1. Tiddikjara illi l-minuri R, imwielda lill-attriċi fit-23 ta'Mejju 2014, m'hijiex il-bint naturali tal-konvenut C B; iżda hija l-bint naturali tal-attur V R.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-imsemmija R, jikkanċella l-kliem 'the said' mill-konnotati tal-omm, jikkanċella l-konnotati tal-konvenut C B bħala l-missier u minflok jitniżżlu isem u kunjom l-attur V R, u l-konnotati tiegħu kif jirriżultaw min-nota esebita fol. 58 tal-proċess.

3. Għal kull buon fini tordna illi R sal-lum magħrufa bil-kunjom B tassumi l-kunjom R.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi A B u V R.